# It-tniġġis tal-arja jilħaq livelli xokkanti fil-Port il-Kbir

## Xjenzat Daniż jippreżenta r-riżultati ta' kejl tat-tniġġis tal-arja li ħa f'Malta tul l-aħħar ġimgħat

Kejl tal-kwalità tal-arja meħud fl-aħħar ġimgħat fi nħawi li jaraw attività marittima kontinwa f'Malta juri konċentrazzjonijiet li jlaħħqu sa 100-200 darba ogħla mil-livelli tal-arja li wieħed normalment jistenna f'postijiet li mhumiex esposti għal sorsi ta' tniġġis tal-arja.

Il-kejl tat-tniġġis tal-arja meħud fil-Belt Valletta u l-Isla wera konċentrazzjoni għolja ta' partiċelli fini ħafna fl-arja fil-ħinijiet meta fil-Port il-Kbir ikun hemm il-vapuri. Dawn jinkludu cruise-liners u vapuri iżgħar. Kejl riċenti fl-Italja juri livelli għolja ta' tniġġis anke fil-każ ta' bastimenti li joffru servizzi tat-trasport tal-passiġġieri. Partiċelli bħal dawn, li jidħlu fl-aktar partijiet sensittivi tal-pulmun u jispiċċaw fid-demm, huma magħrufa għar-riskju kbir fuq is-saħħa tal-bniedem għax iwasslu għal mard serju tal-qalb u tal-pulmun.

Ir-riżultati kienu ppreżentati aktar kmieni llum fil-Belt Valletta waqt konferenza tal-aħbarijiet, u aktar tard matul workshop – li saru fl-uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta – mix-xjenzat Daniż Kare Press-Kristensen, Senior Advisor ta' Green Transition Denmark, NGO indipendenti fid-Danimarka li tippromwovi t-trasformazzjoni għal ħajja aktar sostenibbli. Preżenti wkoll kien hemm uffiċjali ta' BirdLife Malta mmexxija mill-Kap tal-Konservazzjoni Nicholas Barbara.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat Press-Kristensen żar Malta biex jieħu kejl tat-tniġġis tal-arja għal LIFE4MEDECA – proġett iffinanzjat mill-programm LIFE tal-UE li qed jaħdem għat-twaqqif ta' Emission Control Area (ECA) fil-Mediterran. Din is-sħubija hija magħmula minn organizzazzjonijiet differenti minn għadd ta' pajjiżi Mediterranji u l-Advisory Board tagħha

tinkludi lill-Kummissjoni Ewropea u l-Ministri kompetenti fi Franza, l-Italja, Spanja u l-Olanda.

Bħala membru attiv tan-netwerk Together against Air Pollution from Ships, BirdLife Malta qed taħdem favur dawn l-istess għanijiet. Matul l-aħħar snin, flimkien ma' NGOs oħra msieħba fir-reġjun, konna qed naħdmu biex inqajmu kuxjenza dwar il-ħsara kkawżata lis-saħħa u l-klima tagħna mit-tniġġis tal-arja li jiġġenera t-trasport marittimu fil-Mediterran u anke biex nippromwovu soluzzjonijiet sabiex dan jitnaqqas. Anke fil-każ tagħna, l-għan hu t-twaqqif ta' ECA fil-Mediterran li effettivament tkun tfisser li vapuri kbar li jbaħħru fir-reġjun ikunu obbligati jaqilbu fuq fuels aktar nodfa u jużaw tagħmir għat-tindif tal-gass miċ-ċmieni biex jillimitaw l-kontenut ta' kubrit (SOx) u l-emissjonijiet ta' nitroġenu (NOx) meta jidħlu fil-Mediterran.

Matul il-preżentazzjoni tiegħu, Kare Press-Kristensen spjega kif hemm aħbarijiet tajbin għal Malta: fil-gżira għandna arja nadifa. Imma l-aħbar il-ħażina hi li vapuri żgħar iniġġsu l-inħawi li jkunu fihom waqt li bastimenti kbar li jżuru l-Gżejjer Maltin kapaċi jniġġsu bliet sħaħ.

Hu spjega kif madwar 250 persuna (6.5% tat-3,800 mewt fis-sena) jmutu bit-tniġġis tal-arja kull sena f'Malta u fl-2020-2021 it-tniġġis tal-arja qatel aktar nies fil-Gżejjer Maltin milli qatlet il-COVID-19 (500 meta mqabbel ma' 460). L-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem jinkludu mard kardjovaskulari bħal attakki ta' puplesija u mard tal-qalb, flimkien ma' mard tan-nifs u l-kanċer li huma l-kawżi prinċipali tal-imwiet f'Malta. Min-naħa l-oħra f'termini ta' spejjeż huwa vijabbli li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mit-tbaħħir għax jiġu ffrankati flejjes minfuqa fuq is-saħħa.

Meta tkellem dwar is-soluzzjonijiet, huwa elenka l-benefiċċji ta' Emission Control Areas eżistenti fl-Ewropa bħalma hija l-ECA tat-Tramuntana tal-Ewropa li tinkludi l-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana. Bis-saħħa ta' kontrolli aktar stretti stabbiliti f'dawn iz-zoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vapuri, kien reġistrat tnaqqis qawwi fil-kubrit fuq l-art (tnaqqis ta' 50% fl-2015) filwaqt li s-soċjetà bbenefikat b'mod sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u mal-ekonomija. U dan mingħajr l-ebda żidiet notevoli fil-prezzijiet għall-konsumaturi jew spejjeż addizzjonali għas-sidien tal-vapuri u l-awtoritajiet.

Filwaqt li semma wkoll l-użu ta' bastimenti elettriċi għat-trasport tal-passiġġieri bħala soluzzjoni b'potenzjal kbir għal Malta, huwa spjega kif alternattiva importanti oħra tkun l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art waqt li l-vapuri jkunu marbutin mal-moll, soluzzjoni li wkoll taf ittejjeb b'mod sinifikanti s-saħħa pubblika f'Malta. Fl-2020, Infrastructure Malta

nidiet il-Grand Harbour Clean Air Project, proġett b'investiment ta' €50 miljun li għandu l-iskop li jnaqqas b'90% t-tniġġis tal-arja li jipproduċu l-cruise liners u l-vapuri Ro-Ro meta jżuru l-Port il-Kbir. Dawn il-faċilitajiet jippermettu li l-vapuri jitqabbdu mal-grid tal-enerġija lokali biex jiġu pprovduti bl-elettriku mill-art meta jkunu fil-port, u b'hekk jitfu l-magni tagħhom li jaħdmu bil-gass jew l-HFO.

Stimi juru li din it-tip ta' soluzzjoni tista' tkun waħda vijabbli wkoll għall-operaturi, bl-ispiża żejda li dan iġib miegħu ras għal ras, u f'kull port, tkun waħda negliġibbli. Eżempju li ppreżenta Press-Kristensen waqt il-konferenza stampa juri kif waqt li cruise liner juża madwar 30 kWh ta' enerġija għal kull passiġġier u normalment jipproduċi l-enerġija għall-prezz ta' €0.18/kWh, kieku l-elettriku mill-port kellu jinbiegħ għal €0.23/kWh (€0.05 aktar), l-ispiża żejda għal kull passiġġer f'kull port tkun tammonta biss għal €1.50 jew 1% (30 kWh x €0.05 kull kWh) li huwa inqas mill-prezz ta' kafè f'wieħed mill-portijiet li jżur il-cruise! Li kieku kellek tifrex din iż-żieda fuq cruise tipiku ta' sebat ijiem li jżur erba' portijiet differenti, iż-żieda tkun ta' €6. (€670 bl-enerġija mhux mixtrija mill-moll vs €676 bl-enerġija mill-moll).

Kieku, flimkien ma' dan, wieħed kellu jmur ukoll għal soluzzjonijiet oħra li jeżistu bħall-ħolqien ta' ECA fil-Mediterran – li BirdLife Malta ilha tħabrek għaliha għal dawn l-aħħar snin – dan, potenzjalment, jista' jwassal għal tnaqqis drastiku fit-tniġġis tal-arja b'benefiċċji tanġibbli għas-saħħa u l-ambjent f'Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom)**
- Cleaner Shipping
- Together against Air Pollution from Ships

**Mehmuża:**
- Il-preżentazzjoni li għamel Kare Press-Kristensen tul il-konferenza tal-aħbarijiet ta' dalgħodu (PPT)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** **https://we.tl/t-ocPgdU92Te**
*(Ritratti ta' Alexandr Krushlinsky)*

- Għażla ta' ritratti mill-konferenza stampa ta' dalgħodu u oħrajn li juru lix-xjenzat Daniż Kare Press-Kristensen qed jieħu l-kejl tat-tniġġis tal-arja matul l-aħħar jiem

**Niżżel il-filmati minn hawn:** **https://we.tl/t-jwu7Car1Jz**
*(Filmati ta' Alexandr Krushlinsky)*

1. Filmati mill-konferenza stampa ta' dalgħodu
2. Ix-xjenzat Daniż qed jieħu l-kejl tat-tniġġis tal-arja fil-Port il-Kbir